MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 51/2014

Kawza fil-lista: 16

**A B**

**vs**

**L-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo li b'digriet tat-30 ta' April 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-assenti D *sive* C E**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

2. Illi r-rikorrent ilu de facto sseparat minn ma’ martu l-intimata sa minn Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) fejn ghalkemm kien hemm diversi tentattivi minn naha tar-rikorrenti sabiex isalva z-zwieg tieghu, dan tkisser u sfaxxa irimedjabbilment u sussegwentement, ir-rikorrent mar jghix separatament minn ma’ l-intimata fi Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

3. Illi sussegwentement l-partijiet ottjenew d-divorzju permezz ta' kuntratt f'Muang Chiang Mai (it-Tailandja) fit-tletin (30) ta' Novembru, tas-sena elfejn u hdax (2011);

4. Illi permezz tal-istess divorzju, l-partijiet qasmu l-assi kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghaldaqstant m'hemmx assi ohra x'jinqasmu bejn il-partijiet.

5. Illi r-rikorrenti diga ghamel tentattiv sabiex jirregistra d-divorzju tieghu f'Malta, liema talba giet michuda permess tas-sentenza fl-isrnijiet A B vs. Direttur tar-Registru Pubbliku, deciza fit-tletin (30) ta' Mejju, elfejn u tlettax (2013), minhabba l-fatt illi teknikament registru li jawtoriza d-divorzju fit-Tailandja mhux qorti skont l-artikolu 33 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-istess divorzju ma setghax jigi rikonoxxut rnir-Registru Pubbliku Malti bhala tali;

6. Illi l-attur ma ghandux hjiel fejn qed tirrisjedi l-intirnata u m'hemm l-ebda kuntatt bejn il-partijiet;

7. Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante illi ma kienx hemm obligazzjoni ta' manteniment ai termini tad-divorzju tal-partijiet la minn parti u lanqas minn ohra, u ghaldaqstant m'hemmx arretrati ta' manteniment;

8. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba' (4) snin separati de facto, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

9. Illi r-rikorrent A B ghamel affidavit fejn jikkonferma l-fatti li jinsabu f'dan ir-rikors stante illi jghix f'Dubai u mhux ser ikun f'posizzjoni li jattendi seduti l-Qorti;

10. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 668 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. "Tiddikjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti stante illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba inkompattibbilita ta' karattru;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

3. Tiddikjara illi l-partijiet qasmu l-beni kollha formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li m'hemmx assi ohra x'jinqasmu bejn il-partijiet;

4. Tawtorizza lill-attur jghix separatament mill-konvenuta;

5. Tiddikjara illi l-konvenuta iddekadiet mid-dritt illi titlob jew tottjeni l-hlas ta' manteniment ghaliha innifisha minghand l-attur u tiddikjara illi l-ebda manteniment m'hu dovut mill-attur lill-konvenuta nnifisha;

6. Tordna illi l-attur jigi mghoti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali u dotali tieghu;

7. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku."

Rat illi b'digriet tat-30 ta' April 2014 gew nominati Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bhala kuraturi deputati ghall-assenti konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li taqra kif gej:-

"Illi l-esponenti mhux edott rnill-fatti u jirrizervaw li jissotometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti.

Illi l-esponenti jitlob ukoll sabiex jinghata informazzjoni dwar l-indirizz tal-persuna li tinsab barra minn Malta."

Ezaminat il-provi mressqa.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Skond kopja tal-att taz-zwieg tal-partijiet rilaxxjat mir-Registru Pubbliku ta' Malta jirrizulta illi l-attur u l-konvenuta assenti kienu zzewgu fis-7 ta' Lulju 2002 gewwa Dubai, l-Emirati Arab Maghquda.

**L-attur A B** xehed bil-mezz ta' affidavit.[1] Spjega kif kien iltaqa' mal-konvenuta waqt mawra tieghu fit-Tajlandja li waslet sabiex jizzewgu fis-7 ta' Lulju 2002 fil-konsulat Tailandiz f'Dubai fejn l-attur kien jghix dak iz-zmien minhabba l-impieg tieghu.

Fis-sena 2006 il-konvenuta infurmatu li ma kenitx ser tirritorna aktar Dubai u ghalhekk f'Lulju 2007 l-attur telaq minn Dubai u beda jirrisjedi f'ChiangMai fit-Tajlandja flimkien mal-konvenuta. L-attur xhed illi ghalkemm huwa abbanduna l-impieg tieghu f'Dubai u beda

[1] Fol. 62

attivita' kummercjali fit-Tajlandja, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kompliet tmur ghall-aghar tant li lejn l-ahhar tas-sena 2009 ma baqghux jghixu flimkien. Jirrakkonta diversi incidenti li kien hemm bejniethom li wasluh sabiex f'Lulju 2010 halla t-Tajlandja ghal kollox. F'Mejju 2011 l-attur ikkuntatja avukata Tailandiza sabiex jiehu parir dwar divorzju. Peress li fit-Tajlandia hemm zewg modi kif wiehed jottjeni d-divorzju, u cioe' procedura quddiem Qorti u procedura pjuttost ta' natura amministrattiva, l-attur u l-konvenuta ghazlu t-tieni procedura. Huwa iddecieda li jirrilaxxja a favur il-konvenuta sehemu mill-assi tal-komunjoni ta' bejniethom. F'Ottubru 2011 l-attur irritorna ghall-ahhar darba fit-Tajlandja sabiex fix-xahar ta' wara iffirmaw kuntratt li permezz tieghu sar id-divorzju ta' bejn il-partijiet skond il-ligi Tajlandiza bil-konsegwenza li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom skond il-ligi ta' dak il-pajjiz kienet giet xolta. Skond dak li ftehmu l-partijiet l-ebda manteniment ma hu dovut.

L-attur kien ghamel talba quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex id-divorzju ottenut fit-Tajlandja jigi registrat hawn Malta izda tali talba giet michuda b'sentenza tat-30 ta' Mejju 2013 peress li l-Qorti qieset illi id-divorzju ma kienx gie ottenut minn organu gudizzjarju.

L-attur jikkonferma illi minn dak iz-zmien tal-kuntratt sallum huwa qatt ma kellu kuntatt mal-konvenuta u li ilhom jghixu 'il boghod minn xulxin ghal aktar minn erba' snin.

Xehdet **Florence B**, omm l-attur. Ix-xhieda taghha essenzjalment tikkorrobora partijiet estensivi minn dak li xhed l-attur.

Ikkunsidrat.

**Il-Ligi.**

**Artikolu 66B tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"**66B.** *Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) "fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) "ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) "il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*"Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*"Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*"Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."*

Ikkunsidrat.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment principalment minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

Gie ampjament ippruvat illi r-rekwiziti imposti mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 huma kollha sodisfatti. Stante li *ex admissis* l-attur jiddikjara illi l-partijiet gia' iddividew bejniethom l-assi tal-komunjoni, il-Qorti tiddikjara illi ma hemmx assi komuni x'jigu divizi bejn il-partijiet.

Dwar manteniment, gie sodisfacentement ippruvat illi ma jezistux l-estremi sabiex il-Qorti tikkundanna lil xi hadd mill-partijiet sabiex thallas lill-parti l-ohra manteniment. Stante li l-Qorti qed tilqa' t-talba attrici illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba inkompatibilita' ta' karrattru kif talab l-istess attur, it-talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment ma hiex qed tigi akkolta.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara illi l-partijiet gia' qasmu l-beni kollha formanti l-komunjoni tal-akkwisti u li m'hemmx assi ohra x'jigu divizi bejniethom.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin.

5. Tichad il-hames talba.

6. Tilqa' s-sitt talba.

7. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien ghaxart ijiem utli minn meta din is-sentenza ssir *res judicata* sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati huma a kariku tal-attur.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------